MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25

Il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2021 fl-5.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 25.1 Talba;

25.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-5.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 25.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

25.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 25.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-numru 23, 24 u tal-Laqgħa Pubblika ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

25.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

25.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

25.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

25.4.1 Is-Sindku għarraf li f'Jum il-Milied tqassmu 25 ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom fil-lokalita'. Dawn tqassmu mis-Sindku u mill-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

25.4.2 Is-Sindku Saviour Borg informa li ħa sehem fl-attivita' flimkien mas-Sindki Għawdxin fejn inqara messaġġ tal-Milied li deher fuq il-paġna ta' *Facebook* tar-Reġjun Għawdex.

25.4.3 Is-Sindku informa li nhar l-Ewwel tas-Sena deher artiklu fuq il-gazzetta *The Times of Malta* dwar il-ktieb li kien ħareġ il-Kunsill *Il-*

*Fontana u Ġrajjietha mill-qedem sa żminijietna.* Dan l-artiklu kien miktub mis-Sur C. Spiteri.

25.4.4 Is-Sindku informa li ħareġ ukoll il-permess min-naħħa Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali dwar il-proġett ta' tisbieħ bil-Porfido u ser jissolvelja s-Sur J. Grima.

25.4.5 Dwar il-proġett bdil tal-mejn u s-servizzi tad-drenaġġ fi Triq il-Għajn, il-kuntrattur għamel il-garanzija bankarja u l-Perit tal-kuntrattur informah li jonqsu jagħmel l-*insurance*.

25.4.6 Is-Sindku informa li ġie personalment is-CEO tal-Partit Laburista, is-Sur G. Azzopardi biex jirringrazzja lil Kunsill rigward is-siġra li tħawwlet fil-playingfield.

25.4.7 Is-Sindku informa li saret il-preżentazzjoni ta' żewġ *facemasks* lir-rappreżentanta tal-Mużew tat-Tessuti fi ħdan *Heritage Malta* li jinsab fil-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu.

25.4.8 Is-Sindku informa li hemm bżonn li jinxtraw madwar tnax-il bozza għall-fanali dekorattivi u xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur. Kien hemm qbil.

25.4.9 Is-Sindku informa li hemm tabella li tindika vleġġa biex it-traffiku ma jinżilx l-isfel lejn Triq il-Għajn għadha ma tranġatx. Il-Kunsill ilu li rraporta din it-tabella madwar ħmistax lir-*Roads Section* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

25.4.10 Is-Sindku informa li l-*bollard* ta' ħdejn l-Għajn il-Kbira għadha ma twaħħlitx. Il-Kunsill bagħat matul l-aħħar xhur diversi drabi lid-Direttur Ġenerali V. Xuereb fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u issa anke ġie kkuppjat il-Ministru għal Għawdex l-Onor Clint Camilleri matul dawn l-aħħar ġimgħatejn. Il-Kunsillier Horace Micallef wieġeb li se jieħu ħsieb hu.

25.4.11 Is-Sindku Saviour Borg, għarraf lill-membri li qed tiġi ppubblikata id-29 ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek". Dan ser jitqassam lir-residenti tal-lokalita'. Din ġiet preparata mis-Sindku.

25.4.12 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li twaħħlu tabelli ġodda li jindikaw WiFi pubbliku fl-inħawi tat-toroq Triq John Gaspard Le Marchant u

Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, ħdejn l-Għejjun u ħdejn il-Kunsill fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq ta' Mulejja. Dawn kien applika għalihom il-Kunsill.

**25.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tat-tkomplija tal-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku (Sentenza tal-Qorti t'Għawdex u Seduta Qorti tal-Appell Malta)**

25.5.1 Is-Sindku informa li ngħatat is-sentenza mit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva nhar l-14 ta' Jannar 2021 dwar ir-rikors li sar kontra l-Awtorita' tal-Artijiet. Din, il-Kunsill rebaħha u l-Awtorita' tal-Artijiet tilfitha bl-ispejjeż b'kollox. Issa hemm l-20 ġurnata żmien tal-appell. La jgħaddi ż-żmien tal-appell jkun jista' jkompli l-proċess. F'din il-kawża l-Kunsill nefaq ammont ta' flus mhux ħażin. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk il-Kunsill jistax jieħu lura l-flus li nefaq. Is-Sindku wieġeb li ser jistaqsi lill-Avukat. Is-Sindku talab biex tintbagħat kopja tas-sentenza lill-kunsilliera.

25.5.2 Is-Sindku informa li nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar 2021 saret it-trattazzjoni waqt is-seduta tal-appell fil-Qorti ta' Malta dwar il-kawża *Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawża in statu et terminis*, quddiem il-Prim Imħallef, l-Imħallef Demajo u l-Imħallef Ellul. Hu qal li attenda flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat tal-Kunsill. L-Avukat tal-appellant kien l-Avukat Calleja. L-Avukat tal-Awtorita' tal-Artijiet Dr Frendo għamlet difiża tajba mid-dar permezz ta' *video conferencing*. Din il-kawża ġiet aġġornata għal-25 ta' Frar 2021 biex tingħata s-sentenza.

**25.6 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ bil-*porvido***

25.6.1 Is-Sindku Saviour Borg qal li sar it-tiġdid taż-żewġ kuntratti mal-Awtorita' tal-Ippjanar rigward il-proġett ta' tisbieħ bil-porfido. L-Awtorita' tal-Ippjanar għaddiet is-somma ta' €33,969.65 mal-iffirmar ta' dawn l-kuntratti. Dawn ġew depożitati l-bank. Il-kumplament ser jitħallas malli jitlesta ix-xogħol.

25.6.2 Rigward ix-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-porfido, s-Sindku informa lil membri li għadu kemm kellu laqgħa mal-Perit tal-Kuntrattur minħabba l-fatt li x-xogħlijiet kienu se jibdew l-għada s-Sibt 30 ta'

Jannar 2021. Hu qal li l-kuntrattur ġa ġieb il-gaffa u se jibda' minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali.

## 25.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-*main* u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn

25.7.1 Is-Sindku informa li wara ħafna taħbit saret il-garanzija bankarja min-naħħa tal-kuntrattur. Issa fadallu jġib l-*insurance*. Is-Sindku ppropona biex tiġi organizzata laqgħa mal-kuntrattur u anke ma' Transport Malta biex wieħed jara meta jistgħu jibdew dawn ix-xogħlijiet. Hu qal li dawn ix-xogħlijiet jidhru li se jdumu ma jibdew minħabba l-fatt li beda x-xogħol fi Triq l-Imgħallem u barra minn hekk il-kuntrattur infurmah li se jibdew xogħlijiet fuq trinka fit-triq li minn Pjazza Savina tieħdok għal ta' Kercem u hekk din it-triq se tkun magħluqa ukoll. Hu qal li min-naħħa tal-Kunsill hemm kollox lest. Jekk se jkun hemm dawn it-toroq magħluqa mhux se jingħataw permessi minħabba l-fatt li t-traffiku jrid jgħaddi minn x'imkien. Is-Sur Horace Micallef qal li t-trakkijiet li qed joħorġu mill-Għarb qed jgħaddu nofshom mill-Għasri u nofshom mil-lokalita' tal-Fontana. Hu qal li din it-triq aktar ma qegħda f'kundizzjoni ħażina, l-infrastruttura tagħha se tkompli sejra lura. Is-Sindku wieġeb li dejjem qed jinħolqu ħofor ġodda. Is-Sur Horace Micallef qal li fl-opinjoni tiegħu ikun aħjar li l-laqgħa ssir mal-Ministeru għal Għawdex aktar milli ma' Transport Malta. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex biex jibgħat aġġornament fuq din it-triq. Hu kompla billi qal li l-Kunsill jista' jwieġeb li l-affarijiet min-naħħa tal-Kunsill huma lesti u li għandha ssir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u mal-kuntrattur biex jaraw meta se jibdew ix-xogħlijiet. Il-Kunsill għandu jinforma lil Ministeru għal Għawdex biex dan ta' l-aħħar ikunu jafu li l-Kunsill irid iwettaq ix-xogħlijiet u l-Kunsill ikollu ftit għajnuna min-naħħa tagħhom billi il-Kunsill irid jikkoordina ma' żewġ kuntratturi. Is-Sindku fakkar li l-ewwel kuntratt ta' din it-triq ġie ffirmat f'Novembru 2018.

## 25.8 Xiri ta' żewġ fanali għal fuq iz-zuntier

25.8.1 Ġie pprezentat *sketch* biex isiru żewġ fanali dekorattivi bħal tat-toroq Triq l-Isptar San Ġiljan u ta' Triq il-Għajn. Is-Sindku qal li minflok il-pedestall li hemm eżistenti, issir pedestellata żgħira ta' l-irħam ħalli

lanqas ikun hemm ġonot fuq iz-zuntier u jgħolew l-istess għoli ta' dawk li hemm illum, li jiġu qrib l-erba' metri bħala tul. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk jistgħux jiġu bi tlett fanali. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill jista' jara jekk hemmx bi tlieta. Is-Sindku informa li dawn se jagħtu dawl l-isfel għalhekk ser titneħħa l-*light pollution*. Din trid toħroġ bl-offerta minħabba l-fatt li l-istima taqbeż il-limitu ta' *direct order*. Kien hemm qbil li jekk ma' hemmx bi arblu bi tliet fanali, l-Kunsill imexxi b'arblu b'żewġ fanali.

25.9 **Ħatra ta' Skrivan/a fi Skala 15 *part time***

25.9.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li din id-darba daħlu 36 applikazzjoni għal-skrivan/a fi Skala 15 *part time*. Il-Jobsplus bagħtu lista minn *Part 3, 3B u 3C2.* Wara l-ewwel laqgħa tal-bord, dawn niżlu għal madwar 16-il applikant li huma eleġibbli. Hu informa li l-*interviews* ser isiru bħal dakinhar ġimgħa. Is-Sur Jonathan Cefai staqsa x'irid ikollu biex wieħed japplika. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wieħed irid ikollu *pass* f'ħames suġġetti *O Levels* li minnhom irid ikun hemm il-Malti, l-Ingliż u l-*Maths,* u Ċertifikat ta' l-ECDL.

25.10 **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021**

25.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq *draft* ta' l-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021 mħejji mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

25.10.2 Is-Sindku Saviour Borg ta rendikont tal-estimi ta' dħul u ta' ħruġ li l-Kunsill mistenni li jkollu matul is-sena 2021.

25.10.3 L-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti. Is-Sindku talab biex dan ir-rendikont jiġi mehmuż mal-minuti.

25.11 **Approvazzjoni tal-*performance appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill**

25.11.1 Is-Sindku Saviour Borg ressaq il-*performance appraisal* tal-*ex* impjegat tal-Kunsill is-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2020. Fuq proposta tas-

Sindku, kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha li jingħata *performance bonus* ta' 9%. Għalhekk ġie approvat *performance bonus* ta' 9% għal dak il-perjodu lill-impjegat Ryan Debrincat.

25.11.2 Is-Sindku Saviour Borg ressaq il-*performance appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv preżenti. Dawn ir-rapporti ikopru l-perjodu bejn Lulju u Ottubru meta kien Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-perjodu bejn Novembru u Diċembru 2020 meta kien Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha li jingħata *performance bonus* ta' 8%. Dan minħabba l-fatt li għadu fil-bidu u għadu jitgħallem. Għalhekk ġie approvat *performance bonus* ta' 8% għal dawk il-perjodi lill-impjegat Neville Galea.

25.11.3 Is-Sindku staqsa jekk sarx il-*performance appraisal* tal-impjegata Monica Falzon mill-eks Segretarju Eżekuttiv li ried jagħmel minn Jannar sa' l-aħħar ta' Ġunju u minn dak preżenti li ried jagħmel minn Lulju sa l-aħħar ta' Ottubru. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan għadu ma sarx. Is-Sindku qal biex dan isir għal-laqgħa oħra.

**25.12** **Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;**

25.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-Segretarju tal-Bord tal-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġab il-*file* tal-proċess tal-ħatra; dan biex jiġi ssiġġillat.

25.12.2 Ċirkulari Nru AKL 2020/135 – Inizjattiva Rigal b'Imħabba – Milied għat-tfal kollha. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.3 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Azzopardi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-suġġett *Save the Date: Re-launch of European Label of Governance Excellence (EloGE) and the Label Award to the Pembroke Local Council.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.4 Korrispondenza mingħand is-Sa. E. Briffa minn WasteServ Malta rigward Ħinijiet tal-ftuħ fi żmien il-Festi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.5 Korrispondenza mingħand E. Cardona bis-suġġett *Gozo Region Cultural Strategy Involvement*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.6 Ċirkulari SPI/SCI/8/2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-Sena 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.7 Korrispondenza mingħand il-PA rigward Applikazzjoni Nru: PA/08443/20. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.8 Is-Sur Jonathan Cefai talab li jiġi skużat mill-laqgħa fis-5.45pm.

25.12.9 Korrispondenza mingħand J. Henwood mill-ERA rigward *Registration of Licensed Tree Specialists*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.10 Ċirkulari DLG 9/2020 – Emendi għall-Att dwar Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.11 Korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar bis-suġġett *Planning Authority – Christmas Shutdown 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.12 Korrispondenza mingħand is-Sa. L. Cassar mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett *Season Greetings from the Local Councils' Association.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.13 Ċirkulari SPI/SCI/9/2020 – Insaħħu il-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali u dawk lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.14 Korrispondenza mis-Sur F. Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: The URBACT Malta Newsletter No 4*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.15 Ċirkulari AKL 2020/136 – MentorAid – Sessjonijiet ta' taħriġ Presidenti Reġjonali, Sindku u Kunsilliera (PR, Social Media, CRM, Mental Health, Stress Management). Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.16 Korrispondenza mingħand Transport Malta rigward talba ta' *loading u unloading* fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba minħabba l-fatt kaxxa *loading/unloading* f'dik il-parti tat-triq, peress li hija dejqa ser tostakula t-traffiku speċjalment it-Transport Pubbliku.

25.12.17 Korrispondenza mingħand M. Borg mill-Gozo Regional Development Authority bis-suġġett *Gozo Regional Development Authority* –

*Invitation to the Launch of the Vision Document*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.18 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. Portelli mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *Housing Authority New System and Stop Payment*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.19 Korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward l-Applikazzjoni Nru PA/02654/20 – *To demolish existing building and to construct the remaining part of Fontana Local Council office building at ground floor level and public open space in 190, 191 Triq il-Għajn c/w, Triq ta' Mulejja, Fontana* bis-suġġett *Notification of Un-suspension of Application*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.20 Korrispondenza mis-Sa. L Camilleri De Bono mill-*Cultural Heritage Directorate* bis-suġġett *Inħobbok tentative programme*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.21 MFE Circular 03/2020 – *Debit Cards and Credit Cards*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.22 Contracts Circular No 20/2020 – *Award of Precarious Service Contracts: 2021, 2022, 2023 and 2024 rates*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.23 Korrispondenza mingħand l-MAGG Malta bis-suġġett *MAGG Webinar – COVID 19 and Older Persons in Malta: An unexpected Journey amendments*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.24 Ċikulari Nru: AKL 2020/138 bis-suġġett *Mentor Aid – Financial Regulations* 20/01/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.25 Korrispondenza mingħand is-Sa. L. Cassar mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett *Happy New Year - Local Councils' Association*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.26 Ċikulari Nru: AKL 2020/137 bis-suġġett *Mentor Aid – Waste Management Plan and Consultation Process – Webinar 07/01/2021*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-kjarifika

25.12.27 rigward it-tender *Works Tender for the Excavation of Trenches and Replacement of House Connections – Triq il-Għajn, Fontana* minħabba l-fatt li l-kuntrattur kien għadu ma ġabx il-*performance guarantee,* l-*insurance* u lanqas il-*programme of works*. Ir-risposta tad-Dipartiment tkun li ġaladarba l-kuntrattur huwa l-uniku offerent, il-Kunsill għandu jkompli jippersisti mal-kuntrattur sabiex jipprovdi id-dokumenti meħtieġa. Dan, dejjem bil-miktub. Jekk jibqa ma jonorax l-obbligu tiegħu, l-Kunsill jista jinforma lil Kuntrattur bil-miktub li ġaladarba ma ssottomettix id-dokumenti meħtieġa, il-kuntratt ser jiġi kkanċellat. Il-Kunsill imbagħad ikun irid jerġa joħroġ sejħa għall-offerta mill-ġdid. Is-Segretarju wieġeb li sal-laqgħa il-kuntrattur kien ippreżenta l-*performance guarantee*.

25.12.28 Korrispondenza mingħand is-Sur E. Cachia mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex il-Kunsill itawwal it-terminu tal-kuntratti għal-sena. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill iffirma dawn il-kuntratti mal-Awtorita' tal-Ippjanar għal sena.

25.12.29 Korrispondenza mis-Sa. L Camilleri De Bono mill-*Cultural Heritage Directorate* bis-suġġett *L-Għid f'Għawdex, Arti – Fidi - Tradizzjoni*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.30 Korrispondenza mingħand is-Sa. A. Sammut mid-Dipartiment għal Gvern Lokali li ġew depożitati l-parti tal-allokazzjoni ta' flus tal-Gvern lil Kunsill. Dan sar fil-11 ta' Jannar 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.31 Korrispondenza mingħand is-G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja – Settembru 2021. Is-Sindku staqsa jekk xi ħadd jafx lil xi ħadd mil-lokalita' li jaħdem il-bizzilla. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.32 Korrispondenza mingħand is-Sa. C. Fenech mill-Awtorita' tal-Artijiet dwar l-aħħar applikazzjoni li għamel il-Kunsill minħabba d-devoluzzjoni tar-Replika tal-Għajn tal-Loġoġ, il-bankini li jinsabu fi Pjazza l-Għejjun u l-Belvedere fi Triq Għajn Tuta. Ir-risposta tkun li din l-applikazzjoni se titla' quddiem id-*Disposal Committee* mal-ewwel laqgħa tagħhom.

25.12.33 Ċirkulari Nru AKL 2020/005 – Taħriġ – *Women in Leadership Level 6.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.34 Korrispondenza mingħand is-Sa. L. Darmanin Demajo mil-LovinMalta bis-suġġett *City Spotlight* – Fontana biex jsir episodju ta' informazzjoni li jikkonsisti f'*filming* u artiklu fuq il-lokalita' tal-Fontana. Il-prezz għal-parteċipazzjoni jkun ta' €1,000. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.35 Korrispondenza mingħand is-Sa. J. Abdilla mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Laqgħat Statutorji, fejn qed jiġi enfasizzat l-aċċessibilita' tal-pubbliku għal-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara kuntatt li kellu mal-Kuntrattur, dan ta' l-aħħar tella' fuq il-websajt xi uħud mil-laqgħat li saru s-sena li għaddiet wara li dan ma' kienx qed itellahom.

25.12.36 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Borg Manche minn Ambjent Malta bis-suġġett Ambjent Malta Konsultazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.37 Ċirkulari AKL 2021/004 – *Calypso Radio Outside Broadcasts*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.38 Korrispondenza mis-Sur A. Zammit mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *Online Public Consultation: Enchancing Guidance Practices – Friday 22nd January – 09:00am – 12:15pm.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.39 Is-Sur Carmel Farrugia talab li jiġi skużat mill-laqgħa fis-6.10pm.

25.12.40 Korrispondenza mis-Sur G Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Talba għall-Info – SEA Legislation – Stima Ambjentali Strateġika. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill ma' kellux proġetti li jaqgħu taħt din il-leġislazzjoni.

25.12.41 Ċirkulari AKL 2021/003 – Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 41. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.42 Ċirkulari AKL 2021 / 001 – *Personal Accident Policy*. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li din il-polza tiġġedded għall-membri u l-impjegati tal-Kunsill.

25.12.43 Ċirkulari AKL 2021/02 – Polza tal-Assigurazjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li din

il-polza ma ssirx.

25.12.44 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-*Gozo Action Group* bl-*invoice* għas-sħubija fil-programm LEADER għas-sena 2021, kif ukoll b'*reminder* biex titħallas is-sħubija fl-istess programm tas-snin 2019 u 2020. Il-*Gozo Action Group* fakkar li sakemm din is-sħubija ma titħallasx, il-Kunsill Lokali ma jistax japplika għall-ebda miżura jew skema li jippubblika. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li ma' jħallasx għal din is-sħubija.

25.12.45 Ċirkulari Nro SPI/SCI/2/2021 bis-suġġett Finanzjament għal żvilupp u titijib fil-kundizzjonijiet tal-Playingfields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill għadda din l-informazzjoni lil Perit Gordon Vella. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema.

25.12.46 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: Survey on URBACT: we need your input!* Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.47 Ċirkulari Nru AKL 2021/007 – Webinar – *Financial Regulation* 20/01/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.48 Ċirkulari Nru AKL 2021/008 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali / Lokali fl-*Earth Hour 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.49 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur A. Camilleri mill-Ministeru għal Għawdex biex il-Kunsill jibgħat aġġornament fuq il-proġett tax-xogħolijiet fi Triq il-Għajn. Is-Sindku wieġeb li sa dik il-ġurnata l-kuntrattur responsabbli mill-bdil tal-mejn tad-drenaġġ u s-servizzi tad-djar kien għadu ma bagħatx il-programm tax-xogħlijiet. Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill jibgħat biex issir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u mal-kuntrattur biex wieħed jara meta jista' jibda' x-xogħol fi Triq il-Għajn.

25.12.50 Ċirkulari 01/2021 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.51 Il-Kunsill bagħat korrispondenza diversi drabi lid-Direttur Moniteraġġ u Sapport fi ħdan id-Dipartiment għal Gvern Lokali minħabba ir-rifużjoni tal-ħlasijiet tal-ġabra ta' l-iskart separat riċiklabbli u dak tal-

ħġieġ. Id-Direttur kien wieġeb li għadda dan il-fatturi lis-sezzjoni tal-Accounts biex jirrifondu dawn il-ħlasijiet. Sa llum il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda pagament.

25.12.52 Korrispondenza mibgħuta lid-Direttur Ġenerali Xuereb fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'dawn l-aħħar xhur u lil Onor. Ministru Clint Camilleri dawn l-aħħar ġimgħatejn fuq l-installazzjoni ta' *bollard* ħdejn l-Għajn il-Kbira. Is-Sindku wieġeb li sa llum għadu ma sar xejn minkejja li l-Kunsill bagħat kemm il-darba.

25.12.53 Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett *Water Saving Kit Distribution*. Is-Sindku ppropona li noffru s-sala tal-Komunita'. Kien hemm qbil.

25.12.54 Korrispondenza mingħand is-Sur E. Mizzi bis-suġġett Ktieb tal-Poeżiji bil-Malti "Qtar il-Għasel". Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri tlett kopji minn dan il-ktieb. Kien hemm qbil.

25.12.55 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sa. M Axiaq mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *Expression of Interest – Donation of Palm Trees*. Sfortunatament, Il-Kunsill m'għandux spazji fejn jista' jħawwel dawn it-tip ta' is-siġar.

25.12.56 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *Attn: "Citizens for Europe: The Success Stories..." a Closing Event for the Europe for Citizens Programme 2014-2020!*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.57 Korrispondenza mingħand is-Sur S. Miceli bis-suġġett *Public Consultation on the Intent and Objectives of the Air Quality Plan*. Is-Sindku wieġeb li l-ERA ilha snin tagħmel *monitoring* tagħha fil-lokalita' tagħna.

25.12.58 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva l-kuntratt min-naħħa ta' WasteServ tal-ġbir tal-iskart organiku biex jiġi ffirmat. Hu kompla billi qal li dan il-kuntratt jiġi ffirmat kull sena. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

25.12.59 Ċirkulari Nru AKL 2021/009 bis-suġġett Attivitajiet Fondi LESA għas-sena 2020/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.60 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Buhagiar minn Jobsplus bis-suġġett *A2E Scheme information*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-iskema ma tapplikax għall-Kunsilli Lokali.

25.12.61 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. Portelli mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *Network Infrastructure Project – Site Visits*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.62 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġab stima ta' *smart bin* biex il-Kunsill ikun jista' japplika fl-iskema tad-Dipartiment *Smart Solutions* għall-Immaniġġjar tal-Iskart. Hu qal li kull *smart bin* jiswa' €8,250 exc VAT. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill japplika għal żewġ *smart bins* u dawn jitpoġġew wieħed quddiem il-Knisja u l-ieħor ħdejn l-Għejjun. Kien hemm qbil.

25.12.63 Ċirkluari MFE 04/2020 bis-suġġett *Updating of Proportion in respect to Allocation of Travel Vote to cover participation in meetings of the EU Council of Ministers, Council Committees, Working Groups and Parties as well as meeting of European Commission Committees, Working Parties and Groups*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.64 Korrispondenza mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana li qed titlob permess mingħand il-Kunsill dwar avveniment ta' żmien il-Ġimgħa l-Kbira li ser isir nhar il-Ħadd 28 ta' Marzu 2021 bejn is-1.00pm u l-5.00pm, u l-Erbgħa 31 ta' Marzu 2021 bejn is-1.00pm u l-4.00pm, u bejn is-6.00pm u d-9.00pm. Dawn ser isiru fit-toroq Triq John Gaspard Le Marchant u l-Kardinal Alessandro Franchi kif ukoll Triq Mons. Mikiel F. Buttigieg. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jiġu mħarrsa l-kundizzjoniijet kollha maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa u li r-residenti jkollhom aċċess għat-triq u r-residenza tagħhom il-ħin kollu skond kif qalu fl-imejl mibgħuta minnhom.

25.12.65 Korrispondenza mingħand is-Sur M. Cohen, bis-suġġett *Permanent Traffic Management*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.12.66 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-President tar-Reġjun Għawdex, Dr Samuel Azzopardi fejn irrimarka li ma jieħux gost jara battibekki bejn Kunsill u Reġjun. Qed jitlob li ssir laqgħa biex jara l-pendenzi kollha li l-Kunsill tal-Fontana jħoss li għandu. Hu qal li persważ li soluzzjoni għal pendenzi tinstab u r-raġuni tirbaħ. Is-

Sindku wieġeb li minn dak li qal jikkonferma li t-talbiet li għamel il-Kunsill kienu talbiet validi.

Ilment Nru 3 / 2021

25.12.67 Qed jitlob biex jitnaddaf passaġġ f'Wied tas-Saqwi kif immarkat fil-pjanta annessa. Is-Sindku wieġeb li dan il-wied jaqsam il-konfini bejn il-lokalita' tal-Fontana u l-lokalita' tal-Munxar. Hu qal li barra li hemm skedat bħala Natura 2000, il-Kunsill m'għandux flus biex jagħmel dan ix-xogħol għar-raġuni li jinvolvi mijiet ta' eluf ta' Ewro. Il-parti fil-Wied tax-Xlendi fejn ġiet irrijabilita, naddaf il-Kunsill u fejn sar bini ta' ħitan tas-sejjiegħ, kienet ġiet tiswa' madwar €40,000. Is-Sindku ssuġġerixxa biex nibgħatu dan l-ilment lid-Dipartiment ta' Eko-Għawdex biex jiddaħħal fil-programm ta' tindif u rijabilitazzjoni tal-widien. Il-Kunsill qabel.

Ilment Nru 4 / 2021

25.12.68 Il-Viċi Sindku qed titlob biex isir *refreshing* ta' *double yellow lines* fuq il-ġnub tal-garaxx li jinsab fi Triq il-Qalb ta' Ġesu', Fontana. Kien hemm qbil.

**25.13** Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

25.13.1 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab biex il-Kunsill jibgħat talba lil Transport Malta biex tiġi installata tabella NO ENTRY FOR HEAVY VEHICLES qabel taqbad Triq il-Għajn minn Pjazzetta Fuq it-Tomba. Dan minħabba l-fatt li qed jgħaddu trakkijiet kbar u qed issir ħsara fl-infrastruttura tat-triq. Il-Kunsill qabel.

25.13.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef ippropona biex il-Kunsill jibgħat talba lil Transport Malta biex jerġa' jibda' jkun hemm preżenti uffiċċjali ta' Transport Malta fi Triq il-Għajn minħabba l-fatt li qed ikun hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħħat bejn Ta' Ġolina Supermarket u l-ispiżerija u qed ikun hemm konfużjoni ta' traffiku speċjalment fil-ħinijiet ta' qabel l-iskola. Il-Kunsill qabel.

**25.14** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

25.14.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 19/2020 għall-perjodu bejn is-16 ta' Diċembru 2020 u d-29 ta' Jannar 2021 li tammonta għal €15,860.22

ġiet approvata u ffirmata.

25.15 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

25.15.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu bejn il-membri ġiet aġġornata għat-Tlieta, 23 ta' Frar 2021 fil-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana qiegħed jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena li tibda fl-1 ta' Jannar 2021 u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2021. Id-dħul totali fuq natura rikurrenti ta' dan il-Kunsill għas-sena 2021 mistenni jkun madwar **€194,470**. Minn dawn **€176,520** jirrappreżentaw il-fondi annwali mingħand il-Gvern Ċentrali, **€3,000** minn permessi, **€50** minn interessi bankarji **€450** mid-dħul tas-sistema LES u **€14,450** minn korporazzjonijiet pubbliċi u entitajiet governattivi oħra. Il-Kunsill ser ikun qed jutilizza l-ammont ta' **€113,232** minn fondi ta' *Development Planning Fund* u mill-iskema "Sebbaħ Pajjiżek", fondi mill-Ministeru għal-Għawdex li jammontaw **€191,133** u l-ammont ta' **€99,566.84** mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma wara li ġiet iffirmata *Letter of Acceptance* (LA) maħruġa mill-istess Korporazzjoni. In oltre dan, hemm bilanċ ta' **€146,260** mis-snin ta' qabel. Għalhekk il-Kunsill mistenni jkollu total ta' **€744,661.84** għal din is-sena.

Bħala tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna ġie allokat l-ammont ta' **€1,085** filwaqt li ġie allokat l-ammont ta' **€3,609** bħala fond għal-Latrini Pubbliċi. Bħala tiswija u manutenzjoni ta' toroq li jinkludu wkoll sinjali u marki tat-traffiku se tiġi allokata s-somma ta' **€14,807** kif inhu provdut fil-baġit. Ġie allokat l-ammont ta' **€10,016** għas-servizz tal-knis u tindif ta' toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali. Rigward l-immaniġġjar tal-iskart, il-Kunsill se jalloka l-ammont ta' **€25,994** għas-servizz tal-ġbir ta' l-iskart, kif ukoll l-ammont ta' **€10,288** se jiġi allokat bħala *waste tipping fees.*

Rigward spejjeż ta' amministrazzjoni hemm allokat **€107,720**. Minn dawn, is-salarji u pagi mistennija li jammontaw għas-somma ta' madwar **€75,185**. Dawn jinkludi s-salarji, allowances u l-bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Iskrivan, il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Soċjali imħallsa mill-Kunsill għal impjegati tiegħu, u l-Onorarja tas-Sindku u l-allowance tal-Kunsilliera.

Spejjez oħra jinkludu ilma, dawl, telephones, kera, spejjez fil-komunita' u xiri ta' materjal li l-Kunsill għalihom qed jivvota **€3,510**. Għall-ospitalita u servizzi lil Komunita' ġiet ivvutata s-somma ta' **€2,000** li jinkludi l-attivitajiet kulturali u Jum il-Fontana.

Spejjeż ta' l-uffiċju mistennija li jammontaw għal madwar **€3,000** filwaqt li spejjeż ta' transport mistennija li jammontaw għal madwar **€500**. Il-Kunsill qiegħed jivvota s-somma ta' **€14,000** għal servizzi professjonali (eż. Avukat, Perit, Data Protection Officer u Accountant). Is-somma ta' **€1,000** ġiet ivvutata sabiex il-Kunsill jgħaddi informazjoni lil pubbliku inkluż "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek" li joħroġ f'Ġunju u f'Diċembru u avviżi fuq il-Gazzetti.

Bħala proġetti kapitali għal din is-sena, il-Kunsill Lokali tal-Fontana mistenni jonfoq is-somma ta' **€290,699.84** fuq il-bdil tal-mejn u s-servizzi tad-drenaġġ u resurfacing ta' parti minn Triq l-Ghajn, **€113,232** bħala tisbih madwar il-Knisja tal-Lokalita b' porfido li jigi wara s-Sagristija f' parti minn Triq ta' Mulejja u parti minn Trejqet ic-Centru Parrokjali, **€3,000** f'installazjoni ta' fanali LED fuq stil klassiku madwar il-lokalita, **€12,000** f'xiri u installazjoni ta' playhouse ghall-Playing Field tal-Lokalita, u **€9,000** f'xiri ta' fanali għal fuq iz-zuntier. Il-Kunsill qed iwarrab is-somma ta' **€10,000** għall-akkwist ta' Electric Van għall-bżonnijiet tal-anzjani tal-lokalita'. Il-Kunsill qed iwarrab ukoll is-somma ta' **€80,000** ghat-tkomplija tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku jekk il-Kunsill jingħata l-art b'devoluzzjoni u tiswija tal-bejt.

N. G S. Borg

# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Numru: 6/2020 SG**

**Kunsill Lokali Fontna**

**vs**

**Awtorita' tal-Artijiet**

**Illum il-Ħamis, 14 ta' Jannar 2021**

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-Kunsill Lokali Fontana ppreżentat fil-11 ta'Awissu 2020 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi dan l-appell qieghed isir mill-Kunsill appellant minghajr pregudizzju ghall-appell li gie intavolat minnu precedentement fuq decizjoni ohra mahruga precedentement mill-Awtorita tal-Artijiet in konnessjoni mal-istess applikazzjoni, appell numru 5/2020 fl-ismijiet Kunsill Lokali Fontana vs Awtorita tal-Artijiet. Il-Kunsill appellant qieghed izomm ferm dak gia sottomess minnu fl-ewwel appell.*

- ***Preliminari***

*Illi l-appellant intavola applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Artijiet illi permezz tagħha innotifika lill-istess Awtorita' illi kien bi ħsiebu jissottometti applikazzjoni għall-iżvilupp fis-sit bin-numri 190 u 191 fi Triq tal-Għajn, kantuniera ma' Triq ta' Mulejja, Fontana, Għawdex, ai termini tal-Artikolu 71(5) tal-Kap 552 tal-Liġijiet ta' Malta. Kopja ta' din l-applikazzjoni qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata* **Dokument A***;*

*Illi din l-applikazzjoni kellha r-referenza numru GOV1/2020/0477;*

*Illi Illi b'deċiżjoni komunikata lill-appellant permezz ta' email nhar l-Erbgħa, sbatax (17) ta' Ġunju 2020, l-Awtorita' tal-Artijiet ċaħdet l-applikazzjoni bir-referenza numru GOV1/2020/0477, u dan għaliex skont l-istess Awtorita', il-proprjeta' bin-numru 190 hija mikrija lil terzi persuni. L-Awtorita' tenniet ukoll illi anke li kieku l-prorpjeta' kienet vakanti, l-appellant kellu l-ewwel jissottometti talba sabiex issir devoluzzjoni tal-proprjeta', u sussegwentement jissottometti l-applikazzjoni GOV1 Type C. Kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument B***;*

*Illi in segwitu għall-appell magħmul mill-Kunsill Lokali Fontana mid-deċiżjoni tas-sbatax (17) ta' Ġunju 2020 u* ***wara*** *li l-istess Awtorita tal-Artijiet ġiet notifikata bl-istess appell, l-Awtorita ħarġet deċiżjoni oħra datata nhar il-Ħamis, tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2020. F'din id-deċiżjoni l-Awtorita' tal-Artijiet għal darba oħra ċaħdet l-applikazzjoni bir-referenza numru GOV1/2020/0477, u dan għaliex skont l-istess Awtorita': (a) il-Kunsill Lokali Fontana m'għandu l-ebda titolu fuq il-fond bin-numru 190, Triq tal-Għajn, Fontana, u (b) l-istess fond huwa mertu ta' kawża quddiem il-Qrati Ċivili, u fil-każ illi l-Awtorita' tal-Artijiet tikkommetti ruħha f'dan l-istadju, tali deċiżjoni jkollha possibilta' illi tippreġudika l-andament tal-istess kawża. Kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument C***. Dawn ir-raġunijiet kienu differenti minn dawk li kienu ngħataw fl-ewwel deċiżjoni ta' rifjut;*

*Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat minn tali deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2020, u qiegħed jinterponi umli appell minnha quddiem dan it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva a tenur tal-artikolu 57 tal-Att dwar l-Awtorita' tal-Artijiet (Kap 563) tal-Liġijiet ta' Malta;*

- ***Esposizzjoni tal-Fatti tal-Kaz***

*L-appellant issottometta applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Artijiet illi permezz tagħha huwa nnotifika lill-Awtorita' tal-Artijiet illi kien bi ħsiebu jisstottometti applikazzjoni għal żvilupp ai termini tal-Artikolu 71(5) tal-Kap 552 tal-Liġijiet ta' Malta. It-talba kienet tikkonċerna l-*



N G

*proprjeta' bin-numri 190 u 191 fi Triq tal-Għajn tal-Għajn kantuniera ma Triq ta' Mulejja, Fontana, Għawdex, indikati fuq is-site plan hawn annessi u mmarkata bħala* **Dokument D**. *L-iżvilupp propost jikkonsisti fl-aħħar fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku għal-lokalita' tal-Fontana. Dan huwa intiż biex jilqa' fih l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex ir-residenti tal-Fontana ikunu jistgħu jinqdew aħjar u l-Gvern Ċentrali jkun jista' joffri aktar servizzi fl-istess lokalita'. Attwalment il-Kunsill qiegħed jopera minn kamra waħda żgħira li tifforma parti mill-ewwel fażi ta' dan il-proġett. Il-proġett propost jinkludi wkoll spazju miftuħ għall-użu tal-pubbliku in ġenerali (ċioe il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku propost) peress li l-lokalita' tal-Fontana m'għandhiex pjazza. Apparti minn hekk, l-istess proprjeta' mertu tal-applikazzjoni suriferita kienet ġiet esproprjata għal skop pubbliku f'Ġunju tal-elf disa' mija u sebgħin (1970).*

*Din ma kinitx l-ewwel applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill Lokali fuq is-sit għal dan il-proġett. Il-Kunsill Lokali Fontana kien diġa ssottometta drabi oħra applikazzjonijiet għal żvilupp fuq l-istess proprjeta', fosthom PA 337/01, PA 1535/06, PA 7083/07, PA 121/09 u PA 701/14, għal liema applikazzjonijiet il-Kummissarju tal-Artijiet bħala l-predeċessur fit-titolu tal-Awtorita' tal-Artijiet qatt ma sab oġġezzjoni. Tajjeb li jingħad li l-Awtorita' tal-Ippjanar dejjem ħarġet il-permessi relattivi u din l-aħħar applikazzjoni kienet intiża sabiex jerġgħu jiġġeddu l-permessi li kienu ingħataw peress li l-iżvilupp kien għadu ma bediex. Għall-applikazzjonijiet preċedenti, il-Kummissarju tal-Artijiet bħala l-predeċessur fit-titolu tal-Awtorita' tal-Artijiet qatt ma kien oġġezzjona. L-Awtorita' tal-Artijiet issa pero kellha ripensament u ċaħdet it-talba tal-Kunsill appellant għaliex skont l-istess Awtorita' tal-Artijiet:*

*(a) Il-Kunsill Lokali Fontana ma jgawdi l-ebda titolu fuq il-fond bin-numru 190 fi Triq tal-Għajn, Fontana; u*

*(b) Il-fond suriferit bin-numru 190 fi Triq tal-Għajn, Fontana, jifforma l-mertu ta' kawża pendenti, u għaldaqstant l-Awtorita' tal-Artijiet mhix f'pożizzjoni illi tikkommetti ruħha dwaru, stante illi tkun f'perikolu illi tippreġudika l-andament tal-istess kawża.*

- ***Aggravji***

*Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*(a) L-Awtorita' tal-Artijiet qiegħda ssostni illi waħda mir-raġunijiet għalfejn ma laqgħetx it-talba tal-esponenti sabiex il-Kunsill jissottometti applikazzjoni għal żvilupp fil-fond in kwestjoni, hija illi l-Kunsill Lokali Fontana ma jgawdi l-ebda titolu fuq il-fond bin-numru 190 fi Triq tal-Għajn, Fontana. Ta' min jissenjala illi in kwantu jirrigwarda l-applikazzjoni GOV1 Type C, u ċioe l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali Fontana mertu ta' din il-kawża,* ***it-titolu fuq il-fond mertu tal-applikazzjoni assolutament mhuwiex rekwi[illegible]it***



N G

**determinanti sabiex ti□i processata u a□□ettata l-istess applikazzjoni**. *Dan johroġ b'mod mill-aktar ċar mill-applikazzjoni stess, f'żewġ istanzi:*

*i. Fl-ewwel lok, waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fis-sitt paġna tal-applikazzjoni GOV1 Type C tistipula illi: "The Lands Authority shall not be liable for any expenses whatsoever incurred in seeking the Planning Authority's approval* ***should the Lands Authority refuse disposal of property****." (Enfasi tal-Appellant) L-Awtorita' hawnhekk qiegħda tagħmilha ċara illi f'kas illi l-Awtorita' tal-Artijiet tonqos milli tpoġġi a dispożizzjoni tal-appellant il-fond mertu tal-applikazzjoni, l-istess Awtorita' ma tkunx tista' tinżamm responsabbli għall-ispejjeż illi jkun għamel l-applikant meta ssottometta applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Għaldaqstant jirriżulta minn interpretazzjoni ta' din il-kundizzjoni stess illi l-proċedura hija hekk: l-ewwel tiġi sottomessa l-applikazzjoni GOV1 Type C sabiex il-Kunsill jottjeni l-permess mill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex jissottometti applikazzjoni għal żvilupp fuq fond partikolari; wara illi jiġi ottenut il-permess tal-Awtorita' tal-Artijiet, jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għal żvilupp mal-Awtorita' tal-Ippjanar; u finalment, l-Awtorita' tal-Artijiet tiġi mitluba tpoġġi għad-disposizzjoni tal-applikant il-fond mertu tal-applikazzjonijiet kollha, f'każ illi jingħata l-permess għal żvilupp. Fid-dawl ta' din il-kundizzjoni, it-titolu o meno tal-Kunsill Lokali Fontana fuq il-fond mertu tal-applikazzjoni, ma kellux jiddetermina jekk l-applikazzjoni GOV1 Type C kellhiex tiġi approvata mill-Awtorita' tal-Artijiet jew le. Difatti hija l-Awtorita' tal-Artijiet stess illi tilqa' għal possibilta' fejn l-applikant ikun daħal fi spejjeż sabiex jottjeni (u eventwalment jottjeni) permess għal żvilupp mill-Awtorita' tal-ippjanar, u sussegwentement l-Awtorita jew tiċħad it-talba għal devoluzzjoni jew inkella l-fond in kwisjoni ma jkunx disponibbli għal raġunijiet oħra biex jiġi devolut;*

*ii. Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fit-tielet paġna tal-applikazzjoni GOV1 Type C, u cioe f'Section B, it-tielet spazju għandu jimtela b'Title by which property is held (if any). Il-kliem "(if any)" għal darb'oħra jindika illi titolu fuq il-fond mertu tal-applikazzjoni mhuwiex rekwiżit sabiex tiġi milqugħha l-applikazzjoni. Li kieku t-titolu huwa indispensabbli sabiex tiġi proċessata u milqgħuha l-applikazzjoni, żgur illi din l-informazzjoni kienet titqies bħala informazzjoni essenzjali u mhux waħda illi hija optional.*

*Jiġi senjalat illi normalment propjeta tiġi devoluta mill-Awtorita' tal-Artijiet għal skop speċifiku u mhux għal użu ġenerali. Allura* **assolutament ma jag□milx sens** *illi tiġi devoluta proprjeta' sabiex tintuża għal skop speċifiku, biex sussegwentement l-Awtorita' tal-Ippjanar tirrifjuta l-permess sabiex tiġi żviluppata l-istess proprjeta' għal dak l-istess skop speċifiku.* **Inkella d-devoluzzjoni tkun saret g□alxejn**. *Għaldaqstant huwa wisq aktar loġiku illi applikant l-ewwel jottjeni permess għal żvilupp u sussegwentement titolu fuq il-proprjeta', milli*

*viċi versa. Dan huwa dak li ilu jiġri sa minn dejjem b'rabta ma' dan is-sit. Infatti din mhix l-ewwel applikazzjoni li għamel il-Kunsill fuq l-istess sit matul dawn l-aħħar għoxrin sena u* **DEJJEM U MINGĦAJR L-EBDA EĊĊEZZJONI** *dejjem ingħata l-kunsens mill-Kummissarju tal-Artijiet (l-predecessur fit-titolu tal-Awtorita tal-Artijiet) sabiex jottjeni l-permessi relattivi. B'eċċezzjoni għall-ewwel applikazzjoni, u cioe l-PA 337/01, meta l-ordni ta' żgumbrament kienet għadha ma ħarġitx, il-Kummissarju tal-Artijiet kien awtorizza l-applikazzjonijiet PA 1535/06, PA 7803/07, PA 121/09 u PA 701/14, f'liema każijiet kienu jisssussistu l-istess ċirkostanzi u kundizzjonijiet illi effettivament jissussistu llum. Allura l-Kunsill appellant validament kellu a reasonable and a legitimate expectation li tali kunsens jingħata mill-Awtorita tal-Artijiet u assolutament ma jeżistux raġunijiet li jiġġustifikaw tali rifjut.*

*(b) Fit-tieni raġuni ta' rifjut tagħha, l-Awtorita' tal-Artijiet qiegħda tinqeda b'kawża pendenti sabiex tirrifjuta l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali Fontana. Il-kawża illi ssir referenza għaliha mill-Awtorita' tal-Artijiet hija kawża fl-ismijiet Anthony Cassar vs Kummissarju tal-Artijiet (Citazzjoni Numru 55/2005) deciża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali u li bħalissa tinsab tistenna l-appuntament tal-appell. Din il-kawża saret in segwitu għall-ordni ta' żgumbrament datat erbatax (14) t'April tas-sena elfejn u ħamsa (2005) maħruġ kontra Anthony Cassar biex huwa jivvaka mill-fond bin-numru 190, Triq tal-Għajn Fontana, Għawdex. Kopja tal-ordni ta' zgumbrament hija annessa u markata bħala* **Dokument E**. *Anthony Cassar ipproċeda b'kawża kontra l-Kummissarju tal-Artijiet biex jattakka l-ordni maħruġa, f'liema kawża l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) iddeċidiet illi l-ordni ta' żgumbrament kienet ħarġet b'mod regolari u ai termini tal-liġi. Kopja tas-sentenza hija annessa u mmarkata* **Dokument F**. *Minn din is-sentenza, Anthony Cassar intavola appell.*

*Mingħajr preġudizzju għas-suespost fejn ġie spjegat li l-prova tat-titolu mhux necessarja għall-applikazzjoni tat-tip GOV1 Type C, l-accettazzjoni tal-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill appellant assolutament m'hija bl-ebda mod sejra tippreġudika l-posizzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet. Kif gia senjalat, din ma kinitx l-ewwel applikazzjoni li saret mill-Kunsill appellant lill-Awtorita jew lill-predecessuri tagħha. Tant kemm tali talbiet ma ippreġudikawx il-posizzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet u l-predecessuri fit-titotlu tagħha, li l-istess Qorti fl-ewwel sentenza tat raġun lill-istess Kummissarju tal-Artijiet u ikkonfermat il-validita tal-ordni ta' zgumbrament maħruġa. Tajjeb li jiġi senjalat wkoll li l-istess Kunsill appellant kien intervjena fil-kawża li saret minn Anthony Cassar u indika għalfejn huwa kien qiegħed jintervjeni f'dik il-kawża li saret minn Anthony Cassar: ir-raguni kienet li l-Kunsill kien ottjena permessi biex jibni c-Centru Civiku fis-sit metru tal-istess ordni ta' zgumbrament. B'riferenza għat-talba tal-Kunsill appellant fil-kawża ta' Anthony Cassar, il-Kummissarju tal-Artijiet kien wieġeb li huwa "ma jsib l-ebda oggezzjoni għat-talba tal-Kunsill Lokali Fontana sabiex l-istess Kunsill jintervjeni in statu et terminis fl-atti ta' din il-kawzu." Ir-rikors tal-Kunsill appellant u r-*

*risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet huma annessi u markati bhala* **Dokumenti G u H**. *Li kieku verament kien sejjer ikun hemm xi pregudizzju għall-kaz, il-Kummissarju kien joggezzjona għal tali talba tal-Kunsill appellant. Dan pero ma sarx.*

*Mingħajr pregudizzju għall-premess, minn ezami tal-aggravji tal-appell ta' Anthony Cassar il-kwistjoni tal-otteniment tal-permessi mill-Kunsill Lokali Fontana u tal-eventwali devoluzzjoni tal-propjeta lill-Kunsill Lokali Fontana ma jiffiguraw bl-ebda mod u manjiera f' tali aggravji. Allura la darba m'hemm xejn fl-aggravji ta' Cassar li jorbot l-appell tiegħu mal-kwistjoni tal-otteniment tal-permessi u tal-eventwali devoluzzjoni, il-posizzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet ma tista qatt tigi pregudikata għax il-Qorti tal-Appell sejra tiddeciedi biss fuq l-aggravji imressqa u mhux fuq aggravji li ma jirrizultawx mir-rikors tal-appell. Il-Kunsill appellant għalhekk umilment jissottometti illi t-tieni raġuni ta' rifjut m'hi xejn għajr skuża illi a bażi tagħha l-Awtorita' tal-Artijiet qiegħda tipprova tkompli ċċaħħad lill-Kunsill Lokali Fontana u liċ-ċittadini fl-istess lokalita' mill-proġett taċ-Ċentru Ċiviku għal numru ikbar ta' snin.*

- ***Talba***

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jħassar u jirrevoka fl-interita' tagħha d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet datata tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2020 fejn irrifjutat l-applikazzjoni tal-Kunsill appellant bir-riferenza GOV1/2020/0477 sabiex l-appellant jiġi awtorizzat mill-Awtorita' tal-Artijiet jissottometti applikazzjoni għal żvilupp ai termini tal-Artikolu 71(5) tal-Kap 552 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok jilqa' t-talba tal-Kunsill appellant sabiex l-istess Kunsill appellant jiġi awtorizzat jissottometti tali applikazzjoni biex eventwalment ikun jista' jitkompla u jiġi konkluż il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali Fontana fl-indirizz 190/191, Triq ta' Mulejja, Fontana, Għawdex.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita' appellata."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` ta' l-Artijiet datata 4 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

(1) *"Illi l-Awtorita' appellata qed tirrespingi dan l-appell għaliex huwa infondat fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat matul it-trattazzjoni tal-appell;*

(2) *Illi in linea preliminari, l-Awtorita' esponenti tagmel riferenza għall-atti tal-Appell numru 5/2020 fl-istess ismijiet liema appell gie rtirat kwantu għall-mertu u gie mholli s-sentenza limitatament għal kap tal-ispejjez għat-18 ta' Settembru 2020;*



N.G.

(3) *Illi in vista ta' dan, il-parti tal-appell odjern rigwardanti l-appell surreferit huma ormai irrilevanti. Izda jinghad biss li riferribbilment ghat-tielet u raba' paragrafi fis-sezzjoni 'Preliminari' tar-rikors tal-Appell odjern, qed jinghad li nghataw ragunijiet differenti ghar-rifjut fiz-zewg istanzi;*

(4) *Illi l-Awtorita' appellata taghmel riferenza ghax-xhieda moghtija minn Jurgen Spiteri fl-20 ta' Awwissu 2020 fl-atti tal-Appella numru 5/2020 SG fejn spjega li hu rrediga r-rapport bil-konkluzzjonijiet tieghu. Dan ir-rapport gie sottomess skont il-procedura lill-Bord. Il-Bord iddiskuta l-kaz u wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu li gew ikkomunikati lill-Kunsill Lokali appellant skont il-procedura u li taghti wkoll dritt ta' appell a tenur tal-Artikolu 57 tal-Kap 563 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(5) *Illi l-fatt li l-kontenut tal-email tal-ufficjal u l-kontenut tad-decizzjoni hemm xi differenza jfisser li sar ezercizzju san ta' diskussjoni biex finalment ittiehdet id-decizzjoni li minnha qed jigi interpost dan l-appell;*

(6) *Illi kull Awtorita' pubblika ghandha l-proceduri stabbiliti taghha u l-istess ghandha l-Awtorita' tal-Artijiet u wara li saret din id-diskussjoni gie deciz li l-applikazzjoni kellha tigi rifjutata a bazi ta' dawn iz-zewg fatturi u cioe`:*

1. *Il-Kunsill Lokali apppplikant ma kellux titolu fuq il-fond mertu tal-applikazzjoni;*

2. *U li l-fond imsemmi huwa suggett ghal kaz pendent l-Qorti u l-Awtorita' hasset li kull 'commitment' da parti taghha seta' jippregudika l-ezitu tad-decizzjoni tal-Qorti*

(7) *Illi l-Kunsill Lokali hassu appravat u interpona dan l-appell;*

(8) *Illi riferibbilment ghall-ewwel aggravju tal-Kunsill appellant, l-istess appellant qed jipprova jinterpreta b'mod konventi ghall-posizzjoni tieghu l-applikazzjoni u d-dicitura taghha.*

(9) *Illi tajjeb li l-ewwelnet jigi stabbilit li din it-tip ta' applikazzjoni ghandha talbiet differenti kontenti f'wahda u hija intiza ghall-entitajiet governattivi fosthom ukoll Kunsilli Lokali biex ikollhom process iktar spedit u ma jinqabdux fil-volum ta' applikazzjonijiet li l-Awtorita 'Appellata tircievi kuljum;*

(10) *Illi t-talba li ghamel il-Kunsill Appellant hija dik indikata bis-sinjal √ hdejjha u cioe': <u>Notification to the Lands Authority for the applicant to submit a Development Applicationin terms of Article 71(5) of Chapter 552 of the Laws of Malta'</u>*



N. C.

(11) *Illi hemm tlett tipi ohra ta' rikjesti fl-applikazzjoni fosthom biex l-applikant jinghata proprjeta jew informazzjoni dwar proprjeta';*

(12) *Illi minkejja li l-Kunsill Appellant ma ghandux titolu, flok ghamel √ hdejn il-kaxxa marbuta mat-talba ghad-devoluzzjoni tal-proprjeta', qabad u qabez dak l-istadju u applika mil-ewwel ghat-talba marbuta mal-applikazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar;*

(13) *Illi allura meta l-Kunsill appellant qed jargumenta li mhux mehtieg ir-rekwizit tat-titolu biex jaghmel it-talba li fil-fatt ghamel, hija totalment zbaljata. Il-fatt li hemm rikjesti differenti fl-istess applikazzjoni ma jfissirx li l-applikant jista' jassumi u jistabilixxi l-kriterji u r-rekwiziti hu;*

(14) *Illi l-Kunsill Lokali appellant qed jirreferi ghas-sezzjoni B tal-formula fejn qed jintalab* : **<u>Title by which property is held (if any);</u>**

(15) *Illi din il-parti tal-formula qed tigi interpretata mill-Kunsill Lokali appellent li tezonera lill-Kunsill appellant milli jkollu titolu biex it-talba li ghamel fis-sezzjoni segwenti - C - ikollha ezitu favorevoli;*

(16) *Illi kif diga' inghad permezz ta' din il-formula jistghu jintalbu 4 affarijiet li qieghdin fis-sezzjoni C. Sezzjoni A u B huma sezzjonijiet generici. Meta fis-sezzjoni B qed jintalab : Title by which property is held (if any) din hija informazzjoni generika li tista' tkun applikabbli ghal kaz u tista' ma tkunx. Ovvjament biex titlob informazzjoni dwar proprjeta li hemm f'sezzjoni C1 (A) mhemmx ghalfejn ikollok titolu – u ghalhekk hemm il-kliem* **<u>if any</u>**. *Imma altru qed tinalab informazzjoni fuq proprjeta u altru t-talba li ghamel il-Kunsill Lokali appellant;*

(17) *Illi jigi emfasizzat li kull applikazzjoni u kull talba ta' din l-applikazzjoni (ghax hemm4) ghandna l-boxes to tick jigifieri trid tissodisfa l-kriterji rispettivi taghha;*

(18) *Illi ghat-talba li ghamel il-Kunsill u kull talba ohra bhalha – hemm rekwizit kardinali u cioe` li jrid ikun hemm titolu li huwa rikonoxxut mill-Awtorita'. Din hija policy cara tal-Awtorita' u fil-fatt l-ufficjal li jkun qed jipprocessa dawn it-tip ta' applikazzjoniijiet ghandu policy ewlenija xi jsegwi u li hija cara hafna u cioe:*

*Applikazzjoni ghal No Objection in Principle fuq art ( art skont il-policies tinkludi wkoll bini) fejn diga' hemm persuna li ghandha titolu, jistghu jigu kkunsidrati biss jekk isiru minn l-istess persuna li ghandha t-titolu u l-Awtorita' tal-Artijiet ma ghandhiex tikkunsidra applikazzjonijiet minghand terzi*

*(19) Illi r-raguni wara din il-policy hija ovvja għaliex l-Awtorita' ma tista' tkun hi l-kaġun ta' kunflitti ta' drittijiet jew pretenzjonijiet;*

*(20) Illi l-Kunsill appellant jagħmel riferenza għad-disclaimer ġeneriku li hemm kontenut fil-paġna 6 tal-formula. Din id-disclaimer qiegħda hemm biex tipprotegi lill-Awtorita' u mhux biex tiġi interpretata minn applikant dwar xi rekwiżit jew kriterju ta' eliġibilita'. L-intenzjoni warajha hi biex ma jkunx hemm xi ħadd 'jagħmel' ta' rasu u jmexxi b'xi applikazzjoni qabel ma jkollu deċizzjoni favorevoli dwar għoti 'disposal' ta' proprjeta'.*

*(21) Illi ma rridux ninsew li din il-formula hija intiża ukoll għall- Ministeri u entitajiet pubbliċi oħra u li wkoll iridu joqgħodu għall-proċedura u jekk jaqbdu u jottjeni xi permess qabel ma l-art tiġi devoluta/allokata/ trasferita u eventwalment l-art ma tiġix devoluta/allokata/ trasferita l-Awtorita' ma għandhiex tinżamm responsabbli għall-ispejjez in konnessjoni mal-applikazzjoni tal-Awtorita ' tal-Ippjanar*

*(22) Illi allura jekk minn din id-disclaimer għandu jiġi interpretat xi ħaġa - huwa l-fatt li l-Awtorita' trid tapprova d-disposal – jiġifieri li l-applikant japplika u jottjeni titolu fuq il-proprjeta';*

*(23) Illi fil-każ odjern il-Kunsill Lokali ma għandux titolu u ma jistax ikollu qabel tiġi deċiża l-kawża fl-ismijiet Antonhy Cassar vs Awtorita' tal-Artijiet kif ser jiġi spejgat iktar l'isfel f'din ir-risposta;*

*(24) Illi inoltre l-Kunsill lokali appellant qed jagħmel riferenza għal talbiet li saru fil-passat li skont l-appellant kemm-il darba ġew accettati talbiet fil-passa t allura kellha tintlaqa din ukoll;*

*(25) Illi l-argument dwar il-legitimate expectation senjatament ta' x'kien u ma kienx isir fil-passat huwa frivolu u dan għaliex l-Awtorita' trid timxi mal-Liġi u mal-policies viġġenti – kemm il-darba qed issir talba ġdida;*

*(26) Illi fil-kamp amministrattiv, legitimate expectation kif deskritta fil-kawża Schiemann LJ in R (Bibi) v Newham LBC [2001] EWCA Civ 607 tinħoloq meta "a local authority is 'abusing its powers' if it acts without even considering the fact that it is going back on a legitimate expectation." "There must have been* **a pattern of conduct, or a representation, or a promise***; that makes it unfair for a public authority to disregard the expectation".*

*(27) Illi kien ikun hemm vjolazzjoni tal-legitimate expecations kieku ssustistew jew jissussistu* **a pattern of conduct, or a representation, or a promise** *– li mhux il-każ -*



NC

*u li kieku l-affarijiet u ċ-ċirkostanzi ma nbidlux. U filwaqt li l-allegata vjolazzjoni ta' legittimate expectation trid tiġi pruvata mill-Kunsill Lokali appellant, xorta jibqa' l-fatt li ċ-ċirkostanzi inbiddlu hekk kif hemm deċiżżjoni amministrattiva li qed tiġi attakkata u li hi mertu ta' kawża u li qiegħda fi stadju ta' appell kif ser jingħhad iktar l'isfel. Fil-fatt anki fir-rikors tal-appell oodjern qed jiġi kkonfermat li l-aħħar no objection kienet ingħatat qabel ma kien hemm is-sentenza appellata.*

(28) *Illi anki dwar proċeduri, illum hemm proċeduri ġodda u l-Awtorita' toffri iktar servizzi ovvjament skont il-proċedura apposita u t-talba għalhekk kellha ssir b'dak il-mod. Li kieku huwa proċess awtomatiku ma kienx ikun hemm il-ħtieġa ta' applikazzjoni u approvazzjoni u allura ma għandha tissussiti ebda aspettativa, legittima jew mhix, da parti tal-Kunsill Lokali appellant;*

(29) *Illi jiżdied jingħad li nel frattemp ġiet imwaqqfa l-Awtorita' tal-Artijiet li ai termini tal-artikolu 7(2)(c) tal-Kap. 563 l-Awtorita' tal-Artijiet għandha l-obbligu li "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika." U kif ukoll skont l-paragrafu i:* **li jigu zgurati livelli gholja ta' kondotta u gestjoni kontinwament.**

(30) *Illi dan l-aħħar paragrafu jixħet oneru u piż ikbar fuq l-Awtorita' u allura dak li forsi qabel kien jiġi trattat bħala proċedura ta' natura di facile espedizzione, illum l-istandards għolew u l-mod ta' kif jiġi ġestit l-operat tal-Awtorita' huwa sindakabbli iktar minn qatt qabel. Huwa fatt ukoll li l-applikazzjoni msemmija fir-rikors tal-Appell kollha gew trattati qabel ma' twaqqfet l-Awtorita' tal-Artijiet;*

(31) *Illi riferibbilment għat-tieni aggravju, il-Kunsill Lokali appellant stess qed jagħmel riferenza għall-kawża* ***Anthony Cassar vs Kummissarju tal-Artijiet et Rikors nru: 55/2005*** *qiegħda fi stadju ta' Appell u peress li l-kawża ilha deċiża mit-13 ta' Novembru 2015, l-appuntament huwa mistenni li jingħata dalwaqt;*

(32) *Illi l-appell fil-kawża fuq imsemmija jirrigwardja ordni ta' żgumbrament li per se huwa azzjoni/deċiżżjoni amministrattiva a tenur tal-Artikoli 3 tal-Kap 228 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-att dwar Żgumbrament minn Artijiet liema liġi hi intiża biex tipprovdi għal żgumbrament minn artijiet u postijiet ta' proprjeta' jew amministrati mill-Gvern jew miżmuma mill-Gvern taħt kwalunkwe titolu;*

(33) *Illi skont il-Kap 563 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorita' tal-Artijiet wirtet dawn it-tip ta' azzjonijiet;*

(34) *Illi kemm-il darba għadha pendenti din il-vertenza –* **u tenut kont tat-tip ta' vertenza** *- l-Awtorita' appellata trid timxi b'mod iktar kawt u wieħed jistenna li Kunsill Lokali, li ukoll għandu rwol ta' natura pubblika, mhux biss għandu jirrispetta din il-posizzjoni imma għandu wkoll jaderixxi u jikkopera sakemm appuntu jiġi deċiż l-appell. Dan qed jingħad iktar u iktar meta s-sentenza fuq imsemmija ingħatat ħames snin ilu u issa l-Kunsill Lokali qed jippretendi li l-Awtorita' appellata tinjora l-appell pendenti fejn qed tiġi attakkata deċizzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet;*

(35) *Illi fl-aħħar mill-aħħar l-Awtorita' bil-kawtela tagħha ddefendiet ukoll il-posizzjoni tal-Kunsill għaliex li kieku l-Awtorita' esprimiet ruħha mod jew ieħor, kienet tagħti lok li tali deċizzjoni tnituza kontra tagħha fi proceduri li għadhom pendent;*

(36) *Illi jigifieri mhux il-każ li l-Awtorita' qed 'tinqeda' b'dawn il-proceduri pendenti jew qed tuzhom bħala 'skuza'. Il-fatt li hemm kawża pendenti huwa stat ta' fatt u bħal ma huwa stat ta' fatt li l-Kunsill Lokali appellant ma għandux titolu fuq il-fond għaliex kieku ma kienx ikollu għalfejn jintavola applikazzjoni biex appuntu jitlob permess lill-Awtorita' skont l-applikazzjoni li intavola;*

(37) *Illi bid-dovut rispett anki l-buon sens jiddetta u jirrekjedi li wieħed għandu jistenna eżitu ta' proċeduri pendenti u dan speċjalment meta titqies in-natura tal-każ pendenti u d-data tal-appuntament li qiegħda daqstant fil-qrib.*

(38) *Illi jiżdied jingħad li nel frattemp ġiet imwaqqfa l-Awtorita' tal-Artijiet li ai termini tal-artikolu 7(2)(c) tal-Kap. 563 l-Awtorita' tal-Artijiet għandha l-obbligu li "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika." U kif ukoll skont l-paragrafu i :* **li jigu zgurati livelli gholja ta' kondotta u gestjoni kontinwament.**

(39) *Illi dan l-aħħar paragrafu jixħet oneru u piż ikbar fuq l-Awtorita' u allura dak li forsi qabel kien jiġi trattat bħala proċedura ta' natura di facile espedizzione, illum l-istandards għolew u l-mod ta' kif jiġi ġestit l-operat tal-Awtorita' huwa sindakabbli iktar minn qatt qabel.*

(40) *Illi fi kwalunkwe każ dan kollu ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-appell.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Saviour Borg** xehed illi huwa sindku tal-Kunsill Lokali Fontana u li minħabba li l-kunsill ma kellux post adegwat biex jiffunzjona, bdiet procedura fis-snin disgħin sabiex jinbena uffiċju tal-kunsill u fuq ssir playing field filwaqt li jitkabbar iz-zuntier. Għad baqa' pendenti minn dan il-proġett din il-parti li tikkonċerna s-sit mertu ta' din il-proċedura. Spjega li matul is-snin inħarġu ħames permessi fuqu. Spjega li din l-art kienet ittieħdet mill-Gvern fit-23 ta' Ġunju 1970 għal skop pubbliku. Spjega li l-kunsill lokali kien tkellem mal-perit, infurmaw lil Kummissarju ta' l-Artijiet u anke saru laqgħat ma' Albert Mamo li kien il-Kummissarju ta' l-Artijiet li kien laqa' din il-proposta li jsir ċentru ċiviku. Spjega li l-ewwel kellhom jottjenu l-permessi ta' zvilupp u mbagħad issir id-devoluzzjoni. Spjega li sa issa nbniet sala tal-kommunita u latrina pubblika. Ikkonferma li l-perit kien jinforma lid-Dipartiment ta' l-Artijiet li qatt ma kellhom oġġezzjoni ħlief f'dan l-aħħar każ. Spjega li l-kunsill lokali reġa' applika sabiex iġedded il-permess li kien ser jiskadi.

In kontroeżami huwa spjega li d-dipartiment ta' l-artijiet ħareġ ordni ta' żgumbrament fil-bidu ta' April 2005 u ġiet ikkontestatha u nbdiet proċedura fil-Qorti. Il-kawża tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Insista li l-kunsill lokali baqa' japplika matul is-snin. Ikkonferma li huwa ffirma l-formola li biha tiġi nfurmata l-awtorita'ta' l-artijiet. Spjega li l-kunsill lokali ma għandux titlu fuq din l-art. Il-punt deċiżiv hija x' ser tgħid il-Qorti ta' l-Appell. Imbagħad wara ssir id-devoluzzjoni min-naħa tal-Gvern. Spjega lil-kunsill lokli dejjem applika allavolja ma kellux titlu iżda din id-darba nstabet oġġezzjoni. Insista li dak huwa l-punt ta' kollox.

F'seduta oħra, is-sindku tal-kunsill lokali kkonferma l-minuti tal-leġislatura bejn l-2013 u l-2019 liema minuti ġew eżebiti f' dawn l-atti.

**Horace Mercieca** spjega li huwa kunsillier mill-2008 fil-kunsill lokali Fontana. Spjega li l-perit japplika mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar u jinforma lill-Awtorita' ta' l-Artjiet biex ikollha *no objection* min-naħa tagħhom ġialadarba l-art għadha mhijiex f' isem il-kunsill lokali. L-iskop ta' l-applikazzjoni huwa biex jitkompla l-proġett ta' ċentru ċiviku. Sostna li ġia' saru applikazzjonijiet u qatt ma kien hemm oġġezzjoni.

In kontroeżami, huwa kkonferma li l-art mhijiex tal-kunsill lokali. Ikkonferma li hemm kawża pendenti li sa issa nqatgħet favur l-Awtorita' ta' l-Artijiet.

**Carmel Farrugia** xehed li huwa kunsillier tal-kunsill lokali Fontana u jaf li saru varji applikazzjonijiet mal-MEPA sabiex jitkompla dan il-proġett ta' ċentru ċiviku. Sostna li l-applikazzjonijiet baqgħu l-istess bħal ta' qabel.

In kontroeżami, huwa spjega li ma jafx x' formoli hemm bżonn jimtlew. Spjega li fuq dan il-post hemm kawża l-Qorti li għadha pendenti u li l-kunsill lokali ma għandhux titlu fuq dan il-post.

**Mark Cini** in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar spjega li PA 337/2001 saret minn Saviour Borg għan-nom tal-Kunsill Lokali Fontana biex *demolish existing building and construct local council offices.* Spjega li l-permess inħareġ fit-30 ta' Mejju 2005 u kien għal ħames snin. Wara li ħareġ il-permess fl-1 ta' Ġunju 2005, intbagħtet notifika lil John Sciberras bħala direttur ġenerali tal-Lands. Spjega li din l-ittra tintbagħat peress li kien hemm kundizzjoni li dan l-iżvilupp jista' jsir sakemm toħroġ il-*clearance* mill-Lands. Intqal li l-proċedura hi li sakemm issir in-notifika ma jkunx hemm għall-proċess tal-permess tal-iżvilupp bżonn li jkun hemm clearance mil-lands. Jingħata l-permess fuq il-mertu ta' l-iżvilupp, imbasta s-sid jkun ġie notifikat meta ssir l-applikazzjoni fuq art minn persuna li mhux is-sid. Qal li wara din l-ittra, ma rċivew xejn minn Lands. Spjega li jkun hemm proċedura oħra li l-Lands Authority toħroġ il-lease tagħha jew il-grants tagħha jekk jingħata l-permess. Ma toqgħod tgħaddi mill-proċess qabel ma' jingħata l-permess. Mhux dejjem l-MEPA tiġi nfurmata b' dak li jiġri wara li jinħareġ il-permess. Sosnta li jekk xi ħadd japplika fuq art tal-Gvern u jingħata l-permess, l-Awtorita' ma joqgħodux jistennew li jinħareġ il-clearance biex jibda. Spjega li f'dan il-każ, biex jinbeda l-iżvilupp, ried ikun hemm clearance għax kienet kundizzjoni fil-permess.

Spjega li n-notifika u declaration of owenership tintbagħat qabel ma' ssir is-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Jekk xi ħadd ser japplika fuq art ta' ħaddieħor, mal-applikazzjoni irid jagħmel dikjarazzjoni li huwa mhux is-sid u jinforma lis-sid. Spjega li PA 1535/06 saret mill-Kunsill Lokali Fontana biex isiru xi emendi għal permess preċedenti. F' din l-applikazzjoni saret id-dikjarazzjoni tal-ownership u jirriżulta li l-ntbagħtet notifika lis-sid. Il-permess inħareġ fit-2 ta' April 2007. PA 7083/07 saret minn Kunsill Lokali Fontana *to amend minor alterations from approved PA 1535/06* u l-permess nħareġ fit-8 ta' Frar 2008. Spjega li saret notifika lis-sid. PA 121/09 sar ukoll *to sanction variations to elevation from permission 783/07.* PA 701/2014 sar mill-Kunsill Lokali Fontana għal *renewal and amendments to permit PA 708307 which had demanded and renewed permits.* B' dan ġew rregolariżżati xi varjazzjonijiet. Spjega li nħareġ permess li



N. C

nħareġ fit-22 ta' Awwissu 2014. Il-permessi li jinħarġu huma kollha *subject to third party rights.*

In kontroeżami, huwa spjega li ma' kull applikazzjoni kien xi tibdil. Ma kinitx biss sempliċiment tiġdid ta' permess. Spjega li f' okkazzjoni waħda biss kienn tiġdid ta' permess iżda kienu żdiedu xi tibdiliet ukoll. Ikkonferma li f' xi każijiet l-Awtorita' tal-Ippjanar tirċievi deċiżjonijiet tal-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet bir-rakkomandazzjoni jekk għandux jingħata jew le. Sostna li fl-ebda applikazzjoni li xehed dwarha ma ra xi forma ta' feedback mil-Lands Department jew Lands Authority lill-awtorita' tal-Ippjanar.

**Perit Gordon Vella** spjega li huwa jagħmel l-applikazzjonijeit u jsegwi x-xogħol meta jkun hemm xogħol għaddej. Ilu involut mis-sena 2010 u ha *over* mill-Perit Anna Maria Attard Montalto. Saru diversi applikazzjonijiet li kienu jemendaw jew iġġeddu l-permessi. Saret applikazzjoni 2654 tal-2020 u din għadha fil-proċess. F' din l-applikazzjoni, saret *to demolish existing building and construct the remaining part of the Fontana Local Council Office.*

Spjega li d-differenza li hemm bejn din l-aħħar applikazzjoni ta' l-2020 u l-applikazzjonijiet ta' qabel hija li meta ntefgħet l-applikazzjoni tal-2020 il-permess tas-sena 2014 kien diġa skada. Fil-materja, l-applikazzjonijiet huma l-istesss. Spjega li sas-sena 2014, il-proċedura kienet li ssir notifika lil kummissarju ta' l-Artijiet tramite ittra reġistrata. F' dawn l-applikazzjonijiet li saru, dejjem inżammet dik il-proċedura. Spjega li ma kienx jistenna risposta lura peress li *no reply* kienet meqjussa bħala *clearance.* Spjega li wara l-2014, il-proċedura nbidlet fis-sens li l-ewwel tissottometti l-clearance u imbagħad tissottometti l-applikazzjoni mal-Planning Authority. Ikkonferma li dan isir bil-mili ta' Formola bħalma hi DOk A esebita mar-rikors promotur. Spjega li jista' jagħti l-każ li xħin issir din il-formola, tiġi fl-istess ħin sottomessa applikazzjoni mal-Planning Authority iżda dak sta għal Planning Authority sabiex tiddeċiedi jekk tkomplix tiġi pproċessata l-applikazzjoni. Kompla jgħid li f' dan il-każ, id-dikjarazzjoni li saret ta' ownership fl-applikazzjoni kienet li l-art hija tal-Gvern, biex imbagħad tiddeċiedi l-Planning Authority jekk tridx tipproċedi jew inkella tistenna l-clearance tal-Lands Authority.

Xehed li huwa jaf li hemm xi kwistjonijiet ma' persuna biex tiżgombra mill-post biex ikun jista' jsir il-bqija tal-proġett. Spjega li sa issa l-Planning Authority għadha ma semmiet xejn dwar il-kwistjoni tal-Lands Authority Clearance Order.

**Perit Joseph P Dimech** xehed li huwa kien il-perit tal-kunsill rikorrenti u kien għamel xi applikazzjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fuq is-sit in kwistjoni bl-iskop li

jinbena ċentru ċiviku tal-Kunsill Lokali. Peress li s-sit fejn saret l-applikazzjoni kien proprjeta' tal-Gvern, meta kien jissottometti l-applikazzjoni, huwa kien jikteb lill-Kummissarju tal-Artijiet fejn dan jiġi nfurmat li kienet ser issir tali applikazzjoni u sabiex jekk iħoss il-ħtieġa, il-Kummissarju ta' l-Artijiet seta' joġġezzjona għall-istess applikazzjoni. Ikkonferma li l-ittra kkienet tintbagħat bil-posta reġistrata u kien jibgħat konferma ta' din l-ittra mal-applikazzjoni lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Ikkonferma li sakemm dam involut, qatt ma jaf li kien hemm oġġezzjonijiet da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet għal dan il-proġett. Qal li wara kienet ħadet over bintu u ma baqax isegwi x' kien qed jiġri.

**Perita Annamaria Attard Montalto** xehdet li hija għamlet żmien perita tal-kunsill lokali rikorrenti. Hija ppreżentat numru ta' applikazzjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex jinbena ċentru ċiviku fuq is-sit u sabiex il-kunsill lokali jkollu l-uffiċini tiegħu. Stante li s-sit kien proprjeta' tal-Gvern, hija kienet tinforma lil Lands Department b' dawn l-applikazzjonijiet u kienet timla ċ-Certificate of Ownership B fejn jiġi ndikat li li ntbagħtet ittra reġistratat lill-Lands. Din kienet tiddaħħal mal-applikazzjoni. Spjegat li fl-ittra li kienet tibgħat lil Lands kienet tindika li l-Lands setgħu joġġezzjonaw għal din l-applikazzjoni. Sakemm keinet involuta, qatt ma taf li l-Lands kellhom xi oġġezzjoni għal dawn l-applikazzjonijiet li kienu qed isiru. Qalet li għamlet kemm-il applikazzjoni fuq is-sit u dan biex ikun jista' jiġġedded l-permess u anke jsiru xi modifiki żgħar fil-pjanti li jkunu ġew approvati. Kull darba l-Kummissarju tal-Artijiet kien jiġi nfurmat u qatt ma taf li kien hemm oġġezzjonijiet da parti tal-Lands għal dawn l-applikazzjonijiet.

**Jurgen Spiteri in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet** xehed li huwa senior administration officer u li huwa ġie assenjat dan il-każ biex jevalwa l-istorja tal-proprjeta, ihejji rapport u jgħaddih lil kumitat li jiddeċiedi dawn it-tip ta' applikazzjonijiet. Ippreżenta dokumentazzjoni relattiva. Sjega li huwa nnota li l-propjeta' bħalissa qegħda mikrija lil terzi persuni abbażi ta' policy ta' l-awtorita', applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati jekk ma ġewx sottomessi mill-inkwilin rikonoxxut. Spjega li ġie notat li kien hemm ukoll kawża pendenti l-Qorti u għalhekk huwa semma dawn iż-żewġ kwistjonijiet fir-rapport tiegħu. Id-deċiżjoni tal-kumitat imbagħad kienet ta' rifjut. Spjega li l-kumitat huwa kompost mill-Kap eżekuttiv ta' l-Awtorita' tal-Artijiet, Perit mill-istess Awtorita' u Perit ieħor mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Ir-refusal saret minħabba li l-kunsill lokali m' għandux titolu u li bħalissa hemm kawża pendenti l-Qorti fuq din l-istess proprjeta'. Għalhekk, l-Awtorita' ma ħassitx li jkun idoneju li tiddeċidi u b' hekk tkun qed tippreġudika dan il-każ pendenti.

In kontroeżami, huwa kkonferma li biex għamel il-case officer report, huwa kien ra d-dokumenti relatati ma' din il-proprjeta'. Ikkonferma li kien konxju li din ma kinitx l-ewwel applikazzjoni li saret mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar fuq dan is-sit. Ikkonferma wkoll li b' rabta mal-iżvilupp fuq dan is-sit, kienu ntbagħtu diversi kommunikazzjonijiet lill-Kummissarju tal-Artijiet li mbagħad saret l-Awtorita' tal-Artijiet, biex dan jiġi nfurmat li l-Kunsill lokali kien qed japplika għal tali żvilupp fuq dan is-sit. Ikkonferma wkoll li qabel din l-applikazzjoni, qatt ma kien hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Kummissarju tal-Artijiet jew l-Awtorita' tal-Artijiet għal dawn l-applikazzjonijiet li kienu qed isiru mill-Kunsill Lokali Fontana għaliex il-policy dak iż-żmien kienet differenti.

Spjega li qabel persuna setgħet iġġib permess fuq kwalunkwe proprjeta u mbagħad wara li tirċievi l-permess tingħata t-titlu. Illum il-ġurnata l-policies tal-Awtorita' tal-Artijiet huma differenti fis-sens li l-policy tgħid li l-appikazzjonijiet għal no objection principle fuq art fejn diġa hemm persuna li għandha t-titolu, jistgħu jiġu kkunsidrati biss jekk isiru mill-istess persuna li għandha t-titlu. Spjega li l-Awtorita' tal-Artijiet ma għandhiex tikkunsidra applikazzjonijiet mingħand terzi u hemm policy oħra li applikazzjonijiet għal no objection principle fuq art tal-Gvern fejn applikant m'għandux titolu, jistgħu jintlaqgħu biss jekk l-art qiegħda bara ż-żona tal-iżvilupp. Kien abbażi ta' dawn iż-żewġ policies, li huwa ma setax jagħti r-rakkomandazzjoni to grant. Insista li dawn huma policies stabbiliti mill-Awtorita' tal-Artijiet u huma policies interni li jridu jiġu segwiti mill-ufficjali. Sostna li dawn il-policies huma datati Jannar 2020 iżda qabel kien hemm verżjoni identika iżda issa żdiedu iktar policies. Spjega li dawn il-policies mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku u huma policies interni.

Ikkonferma li l-istss Kummissarju tal-Artijiet ħareġ ordni ta' żgumbrament għal dan l-inkwilini abbażi tal-artiklu relevanti tal-liġi. Sostna li l-Awtorita' hija konxja li hemm appell u minn konferma li għamel, jirriżulta li ċ-ċwievet ta' dan il-post għadhom għand din it-terza persuna. Spjega li għadhom jinħarġu invoices kull tlett xhur u għalhekk l-inkwilin għadu jħallas kull tlett xhur. Il-proprjeta' għalhekk mhijiex waħda vakanti. Il-proċedura fil-qorti ilha għaddejja. Madanakollu, ikkjarifika li minkejja li qed jinħarġu l-invoices, il-kera qed tiġi depożitata fir-reġistru tal-qorti. Xehed li l-inkwilin rikonoxxut għadu Salvu Cassar u li huwa Anthony Cassar li issa qed jivvanta titolu.

Ikkonferma wkoll li kien hemm talbiet mill-kunsill lokali Fontana mal-Kummissarju tal-Artijiet biex il-kunsill jingħata din l-art u l-Kummissarju qatt ma rrifjuta din it-talba. Huwa kkonferma l-kundizzjonijiet mniżżla fil-formola GOV 1 Government Entities Application iżda rrimarka li din il-formola inħolqot qabel ma nħareġ il-policy booklet. Spjega li għandhom direzzjoni li ma jiġux aċċettati applikazzjonijiet fuq proprjeta jekk ma jkunux mingħand entita' rikonoxxuta. Sostna li GOV 1 application tintuża wkoll



N. G.

għal entitatjiet governattivi oħrajn. Il-kunsill lokali kien korrett li applika tramite din il-formola. Sostna li huwa kien ra dak li seħħ qabel, iżda huwa ried jipprepara r-rapport tiegħu fuq il-fatti kif kienu preżentament.

In rieżami, huwa spjega li ma jafx min japprova l-policies ta' l-Awtorita' intimata. Spjega li s-superjuri tiegħu jinfurmawh li ħarġu dawn il-policies.

F' seduta oħra, l-istess xhud spjega li l-policies jinħarġu mill-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet. In kontroeżami, huwa spjega li dawn il-policies huma għal użu intern u li mhumiex available għal pubbliku fil-websites relattivi ta' l-Awtorita.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Kunsill rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata datata 23 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha l-applikazzjoni tiegħu fejn l-Awtorita' kienet qed tiġi notifikata li kienet ser tiġi sottomessa applikazzjoni għall-iżvilupp fis-sit bin-numri 190 u 191 Triq ta' l-Għajn, kantuniera ma' Triq ta' Mulejja, Fontana, Għawdex, ġiet miċħuda għal żewġ raġunijiet:

i. Il-Kunsill Lokali Fontana ma għandhux titlu fuq din il-proprjeta'; u

ii. Din il-proprjeta' hija soġġetta għal proċeduri ġudizzjarji li għadhom pendenti u li f'każ li l-Awtorita' tal-Artijiet tikkommetti ruħha f'dan l-istadju, tali deċiżjoni jkollha possibilita' li tippreġudika l-andament tal-istess kawża.

Illi mill-atti jirriżulta illi l-Kunsill rikorrent ilu nteressat fis-sit in kwistjoni bl-intenzjoni tiegħu dejjem tkun waħda, u ċioe`, biex joffri ċentru ċiviku lil pubbliku tal-Fontana. Mill-provi miġbura rriżulta li din ma kinitx l-ewwel applikazzjoni li ġiet sottomessa mill-kunsill lokali rikorrenti fuq is-sit għal dan il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku għal lokalita' tal-Fontana. Ġew sottomessi varji applikazzjonijiet għal żvilupp fuq dan is-sit fosthom PA 1535/06, PA 7083/07, PA 121/09 u PA 701/14. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet qatt ma sab oġġezzjoni f'dan ir-rigward u l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet l-applikazzjonijiet relattivi. Li kien iseħħ kien li l-Kunsill Lokali kien jipproċedi biex jottjeni l-permessi relattivi u l-Kummissarju ta' l-Artijiet kien jagħti l-kunsens relattiv. Illi t-Tribunal jirrileva illi din hija sitwazzjoni fejn l-Kummissarju ta' l-Artijiet ma oġġezzjonax għat-talba tal-Kunsill Lokali Fontana mhux f' okkazzjoni waħda biss iżda f' erba' okkazzjonijiet differenti. Kien issa f' din l-aħħar applikazzjoni li l-Awtorita' rrifjutat. Fl-opinjoni tat-Tribunal, biex il-pożizzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet tinbidel biex minflok taċċetta' l-applikazzjoni, tirrifjutaha, iridu jitbiddlu sostanzjalment iċ-ċirkostanzi u l-fatti li l-Awtorita` ikollha raġun tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni

tagħha. F'dan il-każ baqa' kollox identiku. Jekk huwa issa li l-Awtorita' intimata ntebħet li ma setgħetx tippermetti dak mitlub mill-kunsill lokali, għal dan ma għandu x'jaħti xejn il-Kunsill Lokali rikorrenti. Il-kunsill lokali rikorrenti kien indott u l-Awtorita` tramite l-predeċessur tagħha l-Kummissarju ta' l-Artijiet, tagħtu x'jifhem illi l-applikazzjoni sottomessa kienet ser tiġi milqugħa bħalma dejjem ġiet milqugħa għal darba, tnejn, tlieta u erba' darbiet. It-Tribunal huwa ta' l-opinjoni li d-deċiżjoni meħuda għal erba' darbiet b' mod konsekuttiv mill-Kummissarju ta' l-Artijiet bħala predeċessur ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet toħloq aspettativa leġittima da parti tal-kunsill lokali applikant li jekk ma jinbidel xejn mill-fatti sottomessi quddiem l-Awtorita`, allura ikun hemm stennija illi l-Awtorita` tapprova dak li ma kellhiex oġġezzjoni fuqu għal diversi drabi. F' dan il-każ, ma sar xejn differenti u għalkemm jista' jkun li saru xi kambjamenti minimi f' dak propost li ser jiġi żviluppat, l-iskop aħħari baqa' l-istess u ċioe' li titkompla l-aħħar parti taċ-ċentru ċiviku.

L-Awtorita' argumentat fis-sens li l-ewwel kellu jinġieb titlu fuq din l-art mill-kunsill lokali Fontana u mbagħad issir l-applikazzjoni GOV 1 Type C (Dok A eżebit mar-rikors promotur). Madanakollu, it-Tribunal iqis li fis-sitt paġna ta' l-applikazzjoni GOV 1 Type C jirriżulta li: *"The Lands Authority shall not be liable for any expenses whatsoever incurred in seeking the Planning Authority's approval should the Lands Authority refuse disposal of property."* Hemm ukoll f' parti oħra tal-istess applikazzjoni, preċiżament f' Section B, imniżżel li" *Title by which property is held (if any)"*. Dan jindika li titolu fuq il-fond mertu ta' din l-applikazzjoni mhuwiex xi element indispensabbli sabiex tiġi proċessata u milqugħa l-applikazzjoni. Id-devoluzzjoni ser issir għal skop speċifiku u għalhekk dak li kellu f' moħħu l-kunsill lokali Fontana huwa li l-ewwel jottjeni l-permess għal żvilupp u sussegwentement titolu fuq il-proprjeta' in kwistjoni sabiex b' hekk meta japplika għal devoluzzjoni, l-iskop ikun wieħed speċifiku.

L-Awtorita' intimata għamlet ukoll referenza għal proċeduri ġudizzjarji li għadhom pendenti. Dan it-Tribunal ma jqisx li aċċettazzjoni ommeno ta' l-applikazzjoni sottomessa mill-kunsill lokali rikorrenti sejra b' xi mod tippreġudika l-pożizzjoni tal-Awtorita' ta' l-Artijiet. L-istess kunsill lokali rikorrenti kien intervjena f'dawn il-proċeduri ġudizzjarji in vista tal-permessi ta' żvilupp li kien ottjena biex jinbena ċentru ċiviku fuq dan is-sit, u l-istess Awtorita' ta' l-Artijiet lanqas ma kienet oġġezzjonat għal tali intervent da parti tal-Kunsill lokali Fontana (Dok H eżebit mar-rikors promotur). Mill-provi miġbura f' din il-kawża, irriżulta li Anthony Cassar u ċioe' l-okkupant tas-sit in kwistjoni, mhux rikonoxxut bħala inkwilin; mhux qed tiġi aċċettata ħlas ta' kera u ntalab l-iżgumbrament tiegħu minn dan is-sit. In oltre, il-kawża ilha pendenti sa mis-sena 2005 u għalhekk kienet ġia pendenti anke fl-okkazzjonijiet matul is-snin meta l-Kummissarju ta' l-Artijiet ma oġġezzjonax għall-applikazzjonijiet sottomessi mill-

Kunsill lokali Fontana. Kif ġia' ngħadd, dan joħloq aspettativa' leġittima u dan it-Tribunal ma jistax jinjoraha tali fatt.

Issemmew ukoll il-policies li abbażi tagħhom il-case officer ma rrakkomandax fir-rapport tiegħu li din l-applikazzjoni tintlaqa'. Dawn il-policies ma jirriżultax li huma b' xi mod aċċessibbli lil applikanti. In oltre, dawn il-policies ma jinnewtralizzawx l-aspettativa' leġittima li keinet inħolqot.

Kwindi t-Tribunal qiegħed jannulla d-deċiżjoni appellata sabiex l-applikazzjoni tal-Kunsill rikorrent terġa' tiġi rikonsiderata fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jilqa' l-appell tal-Kunsill rikorrent u jiċħad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` intimata.

(ft) Maġistrat Dr. Simone Grech
President tat-Tribunal ta'
Reviżjoni Amministrattiva

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

14.01.2021 – Trib6.2020 – Kunsill Lokali Fontana vs Awtorita tal-Artijiet
6521



N. C. Pa